

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10158/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0167 (NLE)

ECOFIN 643
CADREFIN 338
UEM 178
FIN 519

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan
għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Ġermanja, u żiedet l-isfidi li kienu jeżistu qabel il-pandemija. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) per capita tal-Ġermanja kien ta' 133 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Ġermanja naqas b'4,9 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos b'1,7 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Filwaqt li l-ekonomija qed tirkupra relattivament malajr, aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu b'mod partikolari żbilanċ fl-investment ta' tfaddil, b'investment privat u pubbliku li waqa' lura meta mqabbel mal-ħtiġijiet tal-investment, u użu subottimali tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol ta' gruppi inattivi jew sottorappreżentati.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Ġermanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, fl-2020 il-Kunsill irrakkomanda li l-Ġermanja ttaffi l-konsegwenzi immedjati tal-COVID-19, biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, u biex jiġu mobilizzati riżorsi adegwati għall-kura tas-saħħa. B'mod aktar wiesa', il-Ġermanja ngħatat il-parir li żżid l-investment pubbliku u privat, billi tiffoka fuq l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lil, fost l-oħrajn, it-trasport, sistema tal-enerġija nadifa, effiċjenti u integrata, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż). Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Ġermanja ttejjeb id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-intrapriżi żgħar u medji ('SMEs'), li tnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv u li ssaħħaħ il-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozji u fi professjonijiet regolati. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Ġermanja biex iċċaqlaq it-taxxi minn fuq ix-xogħol, biex tnaqqas id-diżinċentivi biex wieħed jaħdem aktar sigħat, inkluż it-tassazzjoni għolja fuq il-qliġ mix-xogħol, b'mod partikolari għal dawk b'paga baxxa u dawk li għandhom it-tieni sors ta' dħul, biex tissalvagwardja s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tagħha, biex tappoġġa tkabbir oġhla fil-pagi u biex ittejjeb l-eżiti edukattivi u l-livelli ta' ħiliet tal-gruppi żvantaġġati. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ('RRP'), il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-teħid tal-miżuri kollha neċessarji biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta għet implimentata bis-sħiħ.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat revizzjoni fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għall-Ġermanja. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Ġermanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi b'rilevanza transfruntiera u b'mod partikolari li s-surplus fil-kont kurrenti jipersisti f'livelli għoljin, li jirrifletti livell baxx ta' investiment meta mqabbel mat-tfaddil.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro rrakkomandat li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRP tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru, u li jkomplu jtejbju l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jsaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, li jikkompletaw l-unjoni ekonomika u monetarja u li jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (5) Fit-28 ta' April 2021, il-Ġermanja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament.
- (6) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 ('il-Faċilità') u tal-Istrument tal-Unjoni għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

- (7) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed, tali riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jkun qed jiffaċċja l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (9) L-RRP jipprovdi rispons komprensiv għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali billi jsegwi approċċ olistiku biex jinkiseb l-irkupru, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza soċjoekonomika. L-40 miżura inklużi fl-RRP jikkostitwixxu taħlita bbilanċjata ta' riformi u investimenti li jkopru l-politiki ekonomiċi, industrijali, diġitali, ambjentali, soċjali u tal-kura tas-saħħa.

- (10) L-RRP huwa bilanċjat kif xieraq fl-indirizzar tas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Hemm enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'miżuri relatati mal-protezzjoni tal-klima li jilhqg mill-inqas 42 % tal-alkokazzjoni, inklużi miżuri ewlenin dwar il-mobilità u l-akkomodazzjoni. L-RRP juri ambizzjoni diġitali saħnsitra aktar b'saħħha, li tilħaq mill-inqas 52 % tal-alkokazzjoni, li tvarja permezz tal-industrija, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa u l-amministrazzjoni pubblika. Ir-riformi u l-investimenti jindirizzaw l-ostakli amministrattivi biex jiffaċilitaw l-investimenti u jrawmu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jibbenefikaw ukoll lill-SMEs. Il-koeżjoni soċjali hija promossa permezz ta' diversi miżuri biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika u biex jiġu appoġġati l-gruppi żvantaġġati, biex jiġu limitati l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u biex jissaħħu l-edukazzjoni u l-ħiliet, b'mod partikolari billi tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni. L-RRP jiffoka b'mod qawwi fuq il-promozzjoni tal-investimenti u l-indirizzar tal-ostakli għall-investment, li huwa mistenni li jgħin lill-awtoritajiet lokali jindirizzaw l-isfidi tal-infrastruttura u li b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali. Ir-riformi u l-investimenti tal-amministrazzjoni pubblika biex tissaħħaħ is-sistema tal-kura tas-saħħa jikkontribwixxu għal aktar reżiljenza, kif ukoll miżuri għad-diġitalizzazzjoni u l-immodernizzar tas-servizzi pubbliċi u biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investment. Diversi miżuri relatati mal-ħiliet huma ta' benefiċċju għall-ġenerazzjoni li jmiss.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ġermanja, inklużi l-aspetti fiskali u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (12) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' subsett sinifikanti tal-isfidi ekonomiċi u soċjali deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ġermanja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020.
- (13) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP tal-Ġermanja, minkejja l-fatt li l-Ġermanja ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (14) L-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija li tindirizza diversi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati maż-żieda fl-investment u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, billi l-RRP għandu l-għan li jnaqqas b'mod sinifikanti l-ostakli għall-investment u jżid l-investment. B'mod partikolari, l-istabiliment ta' grupp ta' ħidma konġunt fil-livell federali u tal-*Länder* għal amministrazzjoni effiċjenti u favur iċ-ċittadini u n-negozji, l-appoġġ għall-awtoritajiet lokali permezz tal-PD - Berater der öffentlichen Hand GmbH ("Partnerschaft Deutschland") fl-implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament tal-investment u l-miżuri legali biex jitħaffu l-proċeduri tal-ippjanar u tal-awtorizzazzjoni huma mistennija li jtejbu l-investment pubbliku u jipromwovu l-investment privat. Barra minn hekk, l-investment huwa mistenni li jiżdied, li jirrifletti l-impenji tal-RRP li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni u s-soluzzjonijiet iġġenerati fuq l-idroġenu b'enfasi fuq l-idroġenu rinnovabbli, kif ukoll permezz ta' miżuri meħuda fil-mobilità sostenibbli, inkluż f'vetturi b'emissjonijiet zero u fi stazzjonijiet tal-iċċarġjar, fir-R&Ż, u fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, inklużi l-SMEs, tal-edukazzjoni, tal-kura tas-saħħa u tal-amministrazzjoni pubblika.
- (15) L-implimentazzjoni tal-RRP hija mistennija wkoll li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u l-politika soċjali, billi ssaħħaħ id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, tappoġġa lill-istudenti bi żvantaġġi, issaħħaħ il-provvista tal-indukrar tat-tfal, ittejjeb it-trasparenza tal-pensjonijiet u trażżan iż-żidiet fil-porzjon tat-taxxa.

- (16) Billi jindirizza l-isfidi msemija hawn fuq, l-RRP huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi wkoll biex jikkoreġi l-iżbilanċi li qed tesperjenza l-Ġermanja, li ġew identifikati fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u l-2020. Huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu kkoreġuti, b'mod partikolari, żbilanċi fir-rigward tas-surplus fil-kont kurrenti tagħha, li jippersisti f'livelli għoljin, li jirrifletti livell baxx ta' investment relativ għat-tfaddil, u li għandu rilevanza transfruntiera.
- (17) L-RRP jipprovdi bażi solida għal aktar sforzi ta' riforma u investment fis-snin li ġejjin, biex jiġu indirizzati aktar sfidi strutturali.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u 3 mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Ġermanja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-zgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (19) Is-simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Ġermanja bejn 0,4 % u 0,7 % sal-2026, mingħajr l-inklużjoni tal-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista' jkun wieħed sostanzjali. L-RRP huwa mistenni li jippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'kontribut kbir minn investimenti li jappoġġaw tranżizzjoni klimatika u diġitali ta' suċċess, jippromwovu l-innovazzjoni, jiddekarbonizzaw l-ekonomija, inkluż it-trasport u l-industrija, u jiddiġitalizzaw l-intrapriżi, l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi. Il-miżuri huma mistennija li jwasslu għal użu aktar mifrux ta' vetturi b'emissjonijiet zero, żieda fid-disponibbiltà ta' teknoloġiji bbażati fuq l-idroġenu kif ukoll stokk ta' djar li ma jagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Huma mistennija wkoll li jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji, inklużi l-SMEs, biex jinvestu. Billi l-edukazzjoni u l-ħiliet jittejbu permezz tal-miżuri li jsaħħu l-metodoloġiji tat-tagħlim, il-materjali tat-tagħlim u l-għoti ta' appoġġ speċifiku, il-produttività, ir-reżiljenza u l-inklużjoni huma kollha mistennija li jibbenefikaw.

(20) L-RRP jindirizza l-vulnerabbiltajiet soċjali u jippromwovi l-koeżjoni soċjali permezz ta' firxa ta' miżuri, li jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-familji bit-tfal huma mistennija li jibbenefikaw mill-miżuri inklużi fl-RRP bħat-tisħiħ tal-indukrar tat-tfal b'90 000 post addizzjonali, li huwa f'waqtu meta wieħed iqis id-distakk f'postijiet disponibbli. Appoġġ addizzjonali għat-tagħlim lill-istudenti li waqgħu lura minħabba l-pandemija għandu l-għan li jilħaq kwart tal-istudenti kollha. Biex jappoġġa s-sistema ta' apprendistat, li ntaqtet ħażin mill-pandemija, l-RRP jinkludi inċentivi finanzjarji għall-kumpaniji biex iżommu u jimpjegaw apprendisti, u b'hekk jikkontribwixxi biex tiġi ssodisfata l-Garanzija għaż-Żgħażaġ¹. Bil-“Garanzija Soċjali 2021”, l-RRP jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' żieda fl-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi, li huma f'livell għoli fil-Ġermanja, billi jillimita l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal 40 %. L-RRP jimpenja ruħu wkoll għall-iżvilupp ta' portal diġitali tal-pensjonijiet li jenħtieġ li jappoġġa liċ-ċittadini fl-ippjanar tal-pensjoni tagħhom, billi jipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet individwali tagħhom. L-RRP jinkludi wkoll miżuri biex tittejjeb l-operazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa li huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha.

¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġ (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”). L-RRP tal-Ġermanja jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Il-valutazzjoni ssegwi l-metodoloġija stabbilita fil-Gwida Teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “ma tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.”². Dan ikopri s-sitt oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. L-impatt ambjentali huwa vvalutat fil-livell tal-miżura, jiġifieri valutazzjoni individwali waħda għal kull riforma jew investiment.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

² ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta mill-inqas 42 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI għar-Regolament . Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-2030.
- (23) L-RRP jiffoka ħafna fuq il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika. Biex jappoġġa l-oġġettivi klimatiċi f'oqsma bħat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-RRP jipprevedi firxa wiesgħa ta' miżuri li jistgħu jinġabru fi tliet oqsma ewlenin ta' azzjonijiet. L-ewwel nett, għadd ta' azzjonijiet fl-RRP jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' ekonomija effiċjenti tal-idroġenu fl-industrija u l-ekonomija iġġenerali, b'enfasi fuq l-idroġenu rinnovabbli. It-tieni, qed isir ukoll sforz imdaqqas biex jitħaffu l-investimenti f'mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Ġermanja relatati mat-trasport sostenibbli. Fl-aħħar nett, l-RRP fiħ sensiela ta' miżuri biex jiżdiedu l-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima, b'enfasi prominenti fuq ir-rinnovazzjoni mmirata lejn l-effiċjenza enerġetika.

- (24) Dawn il-miżuri jikkontribwixxu direttament għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, dawn jikkontribwixxu indirettament għall-oġettivi l-oħra tat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari billi jippromwovu ċ-ċirkolarità, u jnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u huma allinjati mal-Pjan Nazżjonali Ġermaniż għall-Enerġija u l-Klima għall-2021-2030 u l-Pjan ta' Azzjoni Klimatiku Ġermaniż għall-2050. L-RRP ma fih l-ebda miżura li għandha l-bijodiversità bħala l-oġettiv tagħha, iżda billi tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, dawn il-miżuri se jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, billi t-tibdil fil-klima huwa wieħed mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità. Il-Ġermanja wettqet valutazzjoni sistematika ta' la tagħmilx ħsara sinifikanti li tindika li l-ebda waħda mill-miżuri proposti ma tikkawża ħsara għall-bijodiversità.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta mill-inqas 52 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII għar-Regolament (UE) 2021/241.
- (26) B'shem sinifikanti tal-allokkazzjoni totali li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u prominenza tal-aspetti diġitali fil-maġġoranza tal-komponenti tagħha, l-RRP tal-Ġermanja jagħmel enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni diġitali u l-isfidi li jirriżultaw minnha fis-setturi kollha.

- (27) L-RRP jindirizza t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi tas-saħħa u tan-negozji, żewġ aspetti li fir-rigward tagħhom il-Ġermanja bħalissa għandha prestazzjoni li tinsab taħt il-medja tal-UE. L-RRP jinkludi komponent sħiħ dwar il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika permezz ta' diġitalizzazzjoni aċċellerata u trawwim tal-interoperabbiltà. Barra minn hekk, b'komponent iddedikat għas-saħħa, żewġ miżuri għandhom l-għan li jaċċelleraw it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa pubblika u tal-isptarijiet rispettivament. Sa fejn huma kkonċernati n-negozji, huma ppjanati investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-industrija awtomobilistika.
- (28) L-RRP jinkludi wkoll miżuri importanti li jindirizzaw il-kapital uman u l-investimenti f'teknoloġiji diġitali avvanzati, b'komponent dwar id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u ieħor li jinkludi kontribuzzjonijiet għal żewġ inizjattivi Ewropej fuq skala kbira dwar il-mikroelektronika, u dwar teknoloġiji cloud u edge tal-ġenerazzjoni li jmiss.

Impatt dejjiemi

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u tml-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq il-Ġermanja (Klassifikazzjoni A).

- (30) L-RRP fih riformi tal-amministrazzjoni pubblika li għandhom l-għan li javvanzaw id-diġitalizzazzjoni tal-gvern, li jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini u d-ditti u jħaffu aktar l-ippjanar u l-approvazzjoni ta' proġetti ta' investiment pubbliku. Dawn il-miżuri huma mistennija li jneħħu l-investiment pubbliku b'lura u li l-klima tan-negożju ssir aktar favorevoli għall-investiment fit-tul billi tiġi żgurata l-kwalità tal-infrastruttura pubblika u s-servizzi diġitali effiċjenti tal-gvern u jiġu permessi effetti fit-tul li jsaħħu l-produttività.
- (31) L-RRP jikkonsisti f'sett ta' miżuri li jindirizzaw l-użu ta' enerġija mingħajr karbonju b'enfasi partikolari fuq l-idroġenu rinnovabbli, il-mobilità b'emissjonijiet baxxi u l-akkomodazzjoni; id-diġitalizzazzjoni tal-gvern, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u n-negożji; u l-promozzjoni ta' aċċess aħjar għall-ħiliet għaż-żgħażaġħ vulnerabbli. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jenħtieġ li jippermetti tkabbir sostenibbli u inklużiv. Barra minn hekk, il-miżuri huma mistennija li jkollhom effett ta' benefiċċju dejjiemi fuq il-kapital uman u l-effiċjenza tar-riżorsi. L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inkluż fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (33) Il-korp ta' koordinazzjoni fil-Ministeru Federali tal-Finanzi u l-ministeri kompetenti huma responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-RRP. L-arranġamenti varji stabbiliti għat-tfassil, in-negozjar u l-iżgurar tal-implimentazzjoni effiċjenti u regolari tal-RRP huma kredibbli f'termini tal-mandat legali u l-kapaċità amministrattiva. L-istadji importanti u l-miri tal-RRP tal-Ġermanja jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP. L-istadji importanti u l-miri proposti huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweġiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Ġermaniżi jidhru robusti b'żewġ biex jiġġustifikaw it-talbiet għal żborż b'mod adegwat hekk kif jitlestew l-istadji importanti u l-miri.

- (34) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Estimi tal-prezzijiet

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija sa punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (36) L-estimi tal-ispejjeż u d-dokument ta' sostenn ipprovduti juru gradi differenti ta' dettalji u profondità tal-kalkoli. Skont l-informazzjoni pprovduta, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-raġonevolezza jew il-plawżibbiltà tal-ispejjeż se jkunu mxekkla. Madankollu, il-livell ta' assigurazzjoni seta' żdied permezz tal-ġhoti ta' stimi aktar dettaljati għal ċerti miżuri. Fl-aħħarnett, l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (37) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (38) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP tal-Ġermanja tiddependi ħafna fuq il-proċessi u l-istrutturi nazzjonali eżistenti għall-awditjar, li jirriżultaw f'għoti ta' setgħa u kapaċità amministrattiva adegwati. Bl-unità ta' koordinazzjoni fil-Ministeru tal-Finanzi, l-unitajiet ta' kontroll intern f'kull ministeru u l-Qorti tal-Awdituri nazzjonali, huma identifikati atturi ċari flimkien mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweqqif tal-kompiti ta' kontroll intern. L-atturi huma indipendenti fil-funzjonament tagħhom u s-segregazzjoni tal-funzjonijiet rilevanti hija rispettata, u b'hekk is-sistemi ta' kontroll isiru robusti u adegwati.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (39) Il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali huma kkunsidrati effiċjenti fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet bħal frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt il-Faċilità. Dan japplika ugwalment għall-evitar ta' finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni. Il-qafas regolatorju u l-korpi pubbliċi ta' implimentazzjoni huma deskritti b'mod adegwat u l-atturi responsabbli għall-kontrolli għandhom is-setgħat legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti rispettivi tagħhom. Il-Ġermanja indikat li se tiġi stabbilita sistema tal-IT integrata għall-għir, il-ħżin u r-rappurtar adegwati tad-*data* meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP tagħha. Il-Ġermanja bdiet proċess biex is-sistema tal-IT tagħha tiġi awditjata mill-Qorti tal-Awdituri (*Bundesrechnungshof*) biex tidentifika d-għufijiet possibbli u biex tindirizza mingħajr dewmien kwalunkwe rakkomandazzjoni tar-rapport tal-awditjar, kif ukoll biex tiżgura r-reġistrazzjoni sħiħa tad-*data* kollha msemmija fl-Artikolu 22(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241, inkluż permezz ta' sistema tranżizzjonali. Il-Ġermanja impenjat ruħha li tipprovdi aċċess għal *data* bħal din.

Koerenza tal-RRP

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (41) L-RRP Ġermaniż għandu narrattiva koerenti b'enfasi strateġika ċara fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'kull komponent, ir-riformi u l-investimenti huma mmirati biex jiksbu objettivi koerenti u r-riżultati mistennija tagħhom isaħħu lil xulxin. L-azzjonijiet ippjanati fil-komponenti differenti huma koerenti u komplementari wkoll, b'riformi strutturali li jakkumpanjaw l-investimenti pplanati sabiex jissaħħu l-impatt tagħhom. Hemm ukoll konsistenza u komplementarjetà intrinsika fost il-miżuri minn komponenti differenti. Sabiex tiġi promossa konsistenza akbar fost l-istrumenti, u b'mod partikolari mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni Ewropea, hija mħeġġa allokazzjoni territorjali bbilanċjata tar-riżorsi.

Ugwaljanza

- (42) Kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs għal kulħadd huma indirizzati fl-RRP f'diversi komponenti. Miżuri partikolarment rilevanti jinkludu t-titjib tad-disponibbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li jippromwovu kemm l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll it-tnaqqis tal-iżvantaġġi soċjoekonomiċi. L-appoġġ għall-apprendistati u l-għajjnuna għall-istudenti bi żvantaġġi tat-tagħlim relatati mal-COVID-19 huma mistennija li jibbenefikaw b'mod sproporzjonat liż-żgħażaġh minn sfondi vulnerabbli, inkluż bi sfondi ta' migrazzjoni.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (43) Ma ġietx ipprovduta awtovalutazzjoni tas-sigurtà billi ma tqisitx xierqa mill-Ġermanja, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proġetti transfruntiera u li jinvolve aktar minn pajjiż wieħed

- (44) Karatteristika ċentrali tal-RRP Ġermaniż hija l-inklużjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew Komuni ppjanati fl-oqsma tal-idroġenu (EUR 1 500 000 000), tal-mikroelettronika (EUR 1 500 000 000), u tat-teknoloġiji cloud u edge tal-ġenerazzjoni li jmiss (EUR 750 000 000). Dawk il-proġetti li jinvolve aktar minn pajjiż wieħed inbdew b'mod konġunt ma' pajjiżi oħra.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (45) Fuq il-bażi tas-sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni pprovdut mill-Ġermanja, il-partijiet ikkonċernati rilevanti ġew ikkonsultati fil-fażi ta' thejġija tal-RRP u l-opinjoni tagħhom ġew ikkunsidrati kif xieraq. Fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom, il-*Länder* kienu involuti fi stadju bikri u f'bosta passi fl-elaborazzjoni tal-RRP. Il-pożizzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-istruttura ta' governanza matul il-fażi ta' implimentazzjoni, huma riflessi fl-RRP. Il-Parlament Federali ġie infurmat regolarment dwar il-kontenut tal-RRP. Il-fehmiet tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet ambjentali huma riflessi b'mod partikolari fl-għażla tal-miżuri fl-RRP. Wara l-konsultazzjoni, parti mir-riformi u l-investimenti pjanati inizjalment ġew adattati jew tneħħew mill-RRP. Ġew ikkonsultati wkoll il-partijiet ikkonċernati soċjali, ir-rappreżentanti tal-industrija u tan-negozju, is-soċjetà ċivili u l-Bord Nazzjonali tal-Produttività. Għall-proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed fl-RRP, il-Ġermanja ħadmet mill-qrib ma' Stati Membri oħra li kienu qed jipparteċipaw f'dawk il-proġetti.

- (46) Proċess kontinwu ta' koordinazzjoni mal-*Länder*, inklużi l-muniċipalitajiet, huwa mistenni li jsejnh ukoll matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-RRP. Fuq talba tal-*Länder*, l-istruttura ta' governanza tipprevedi laqgħat ta' koordinazzjoni regolari bejn il-*Länder* u l-ministeri federali responsabbli għar-riformi u l-investimenti li jaffettwaw direttament ir-responsabbiltajiet tal-*Länder* f'kuntast federali. Il-*Länder* jenħtieġ ukoll li jkunu involuti mill-qrib u f'waqtu fir-rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata s-sjeda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (47) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Ġermanja bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfäcenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 20(2) u l-Anness V għal dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (48) L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Ġermanja hija ta' EUR 26 518 833 613¹ li hija ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Ġermanja jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Ġermanja tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Ġermanja, f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.
- (49) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Ġermanja irid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm ammont disponibbli għall-Ġermanja li ma jeċċedix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, jenħtieġ li l-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.

¹ Il-Ġermanja ssottomettiet żewġ estimi tal-ispejjeż. Il-valur gross tal-pjan ta' EUR 27 949 882 000 jinkludi l-VAT għal xi miżuri, filwaqt li valur nett ta' mill-inqas EUR 26 518 833 613 jeskludi l-VAT.

- (50) L-appoġġ li għandu jingħata jrid jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħteġ li jitħallas bin-nifs ladarba l-Ġermanja tkun wettqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (51) Il-Ġermanja talbet prefinanzjament ta' EUR 2 250 000 000. Dan l-ammont jenħteġ li jsir disponibbli għall-Ġermanja soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità ma', il-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-ftehim ta' finanzjament').
- (52) Jenħteġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr għall-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Ġermanja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ġermanja kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li jammonta għal EUR 25 613 478 442¹. Ammont ta' EUR 16 291 323 631 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Ġermanja li hija ugwali għal EUR 25 613 478 442 jew aktar, ammont ieħor ta' EUR 9 322 154 811 għandu jkun disponibbli biex ikun legalment impenjat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Ġermanja li tkun anqas minn EUR 25 613 478 442, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 16 291 323 631 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż insemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Ġermanja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 2 250 000 000 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament. Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Ġermanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. RRP.Sabiex tkun eliġibbli għall-pagament, il-Ġermanja għandha tilħaq l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 August 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President
